TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 443/11/GZ

**Rosette Buttigieg**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 21 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Ottubru, 2011, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erbgha u tletin Ewro (€34.00), rapprezentanti l-prezz ghat-tiswija tal-filter ta' magna tal-kafe, liema magna kienet ghadha taht garanzija.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-18 ta' Lulju 2011, il-filter tal-magna tal-kafe li kienet xtrat minghand is-socjeta' ntimata beda jqattar u mela l-bank tal-kcina bl-ilma. Meta hija ccekkjat x'kien gara, indunat li l-filter kellu qasma fil-genb fin-naha ta' isfel. Ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata fejn qaltilha biex tmur l-ufficju taghha u tiehu l-filter maghha sabiex tara x'kien gara. Ir-rikorrenti ghamlet hekk fl-20 ta' Lulju 2011. Gurnata wara, hija cemplet biex tistaqsi fuq il-filter izda r-receptionist qaltilha li t-technician kien ghadu ma dahalx, ghalhekk hija regghat cemplet fis-26 ta' Lulju 2011 fejn ir-receptionist qaltilha li s-socjeta' kienet ser tbidlilha l-filter ghall-prezz ta' erbgha u tletin Ewro (€34.00). Meta r-rikorrenti staqsiet ghalfejn kellha thallas, ir-receptionist qaltilha li

kien minhabba l-fatt li l-filter kissritu hi b'daqqa. Ir-rikorrenti taf illi ma taghtu l-ebda daqqa. Barra minn hekk, il-magna tal-kafe ghadha taht garanzija.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata bil-fatt li hija taf bic-cert illi qatt ma tat daqqa lil-filter u li apparti minn hekk, il-magna tal-kafe ghadha taht garanzija u ghalhekk hija tippretendi illi l-filter jigi mibdul bla hlas.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-invoice ffirmat u ddatat 30 ta' Settembru 2010, flimkien ma' kopja tal-garanzija fejn jinghad: *"This guarantee does not cover misuse, improper use or accidental damages."*

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtrat magna tal-kafe f'Settembru 2010. Din il-magna ghandha sezzjoni minnha fejn titfa' l-ilma u ntegrat maghha hemm il-filter. Il-magna ma kellha l-ebda qsim fil-fatt damet tuzaha ghal madwar ghaxar (10) xhur minghajr problemi. Go dan il-kontenitur titfa' biss ilma. Hsara impossibli li jigrilu jekk mhux ghax tolqtu u tkissru b'xi haga. Jista' jkun ukoll illi inqala' minn postu biex jitnaddaf u gie sfurzat lura f'postu. Kien hemm miktub fil-garanzija mehmuza illi: *"This guarantee does not cover misuse, improper use or accidental damages."*. Ir-rikorrenti kellha wkoll miktub: *"Attachments that are damaged through wear and tear are not covered by guarantee."*

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, hija regghat ikkonfermat l-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret illi hija qatt ma harget il-filter minn postu. Kienet biss timlieh bl-ilma, pero' qatt ma hargitu mill-post tieghu fil-magna tal-kafe.

Ir-rikorrenti ezebiet il-filter in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta, flimkien ma' baskett li kien fih circa erbgha u sittin (64) pakkett tal-kafe rimanenti mill-originali mitt (100) pakkett kafe li kienu nghatawlha flimkien mal-magna tal-kafe in kwistjoni. Ir-rikorrenti ezebiet ukoll estratti mill-ktieb tal-garanzija bil-lingwa Taljana, liema ktieb kien inghatalha flimkien mal-magna tal-kafe.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha stqarret li l-magna tal-kafe in kwistjoni hija prodott Taljan u l-ilma ta' l-Italja huwa differenti mill-ilma ta' Malta. Is-socjeta' ntimata kienet dejjem tohrog garanzija ghall-Malta. Minbarra hekk, fil-fehma tat-teknici tas-socjeta' ntimata, ebda container ma jinqasam kif muri, izda bil-kontra, jigifieri kieku l-qasma kienet tkun il-gewwa. Is-socjeta' ntimata baqghet tinsisti li l-qasma fil-filter kienet hekk minhabba li habat ma' xi oggett. Fuq domanda tat-Tribunal, is-socjeta' ntimata ammetiet illi r-rapprezentanti

taghha qatt ma jaghtu l-istruzzjonijiet lill-klijenti sabiex l-imsemmi filter jinhareg mill-magna in kwistjoni, pero' li jimtela' bl-ilma hekk kif xehdet li ghamlet ir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li r-rikorrenti qatt ma harget il-filter in kwistjoni minn postu u ghalhekk ma kien hemm l-ebda istanza fejn l-imsemmi filter setgha gie ddanneggjat, u dana apparti mill-fatt li ma ngabet ebda prova da parti tat-technicians tas-socjeta' ntimata rigwardanti l-allegat *"misuse, improper use or accidental damages"*, flimkien mal-fatt ukoll illi ngabet prova illi l-magna tal-kafe ftit li xejn kienet intuzat u li kienet ghadha taht garanzija, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tipprovdi filter gdid lir-rikorrenti minghajr ebda hlas da parti tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**